



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 175/24

il-Lussemburgu, it-8 ta' Ottubru 2024

Koen Lenaerts elett mill-ġdid President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Koen Lenaerts ġie elett mill-ġdid, mill-Membri l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn it-8 ta' Ottubru 2024 u s-6 ta' Ottubru 2027

Curriculum vitae ta' Koen Lenaerts

Imwieled fl-1954 f'Mortsel (il-Belġju), Koen Lenaerts kiseb diploma fid-dritt fl-1977 fil-Katholieke Universiteit Leuven (Università Kattolika ta' Leuven, il-Belġju) qabel kompla l-istudji tiegħu fil-Harvard University (Università ta' Harvard, l-Istati Uniti). Fejn huwa kiseb it-titoli ta' Master of Laws fl-1978 u ta' Master in Public Administration fl-1979. Lura fil-Katholieke Universiteit Leuven, huwa kiseb dottorati fid-dritt fl-1982. Kien f'din l-istess università li beda l-karriera professjonali tiegħu fl-1979 bħala assistent, imbagħad professur tad-dritt Ewropew fl-1983. Matul il-karriera akkademika tiegħu, huwa għallem ukoll fil-Collège d'Europe fi Bruges (Kulleġġ tal-Ewropa, Bruges, il-Belġju) mill-1984 sal-1989, kif ukoll fil-Harvard Law School (Fakultà tal-Liġi ta' Harvard, l-Istati Uniti), bħala professur mistieden, fl-1989.

K. Lenaerts daħal fis-servizz tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala référendaire mal-Imħallef René Joliet, kariga li okkupa mill-1984 sal-1985, qabel ma pprattika l-professjoni ta' avukat mill-1986 sal-1989 mal-kamra tal-avukati ta' Brussell. Huwa nħatar Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Instanza tal-Komunitajiet Ewropej fil-25 ta' Settembru 1989, il-jum li fih ġiet stabbilita din il-qorti li kienet għadha kemm inħolqot. Huwa qeda dmiru f'din il-kariga għal iktar minn erbatax-il sena, qabel ma' nħatar Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2003. Huwa ġie fdat minn sħabu l-Imħallfin il-kariga ta' President ta' Awla matul żewġ mandati suċċessivi, mid-9 ta' Ottubru 2006 sat-8 ta' Ottubru 2012, imbagħad il-kariga ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Ottubru 2012. Huwa ġie elett President tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ottubru 2015 u minn dakinhar ilu jaqdi dmiru f'din il-kariga.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!



¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa [Nru 174/24](#) tas-7 ta' Ottubru 2024.